KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fit-18 ta' April 2012 [1]

Kawża C-562/10

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Sistema ta' sigurtà soċjali awtonoma li tassigura r-riskju ta' dipendenza fuq kura — Benefiċċji in natura fil-każ ta' dipendenza fuq kura — Residenza temporanja fi Stat Membru ieħor tal-persuna dipendenti fuq kura — Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-assigurazzjoni għal dipendenza li tipprovdi li s-servizzi ta' kura in natura pprovduti fl-Istat Membru ta' residenza ma jibbenefikawx mill-istess rata ta' rimbors bħal dawk ipprovduti fl-Istat ta' assigurazzjoni"

I – Introduzzjoni

1. Wara s-sentenzi Molenaar [2] u von Chamier-Glisczinski [3], l-assigurazzjoni soċjali Ġermaniża dwar il-kura qiegħda tiġi eżaminata mill-ġdid fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni. Introdotta fl-1 ta' Jannar 1995 mill-Ktieb XI tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali (iktar 'il quddiem is-"SGB XI") [4] bħala assigurazzjoni obbligatorja, hija intiża li tassigura r-riskju ta' dipendenza. Fid-dritt tal-Unjoni, l-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza, li tagħti lill-persuni assigurati tagħha benefiċċji fi flus u *in natura*, hija assimilata mal-benefiċċji tal-mard [5] fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Għal darba oħra, id-dispożizzjoni kkontestata hija l-punt 1 tal-Artikolu 34(1) tas-SGB XI, li jipprovdi, ħlief għal eċċezzjonijiet limitati, li d-drittijiet għall-benefiċċji tal-kura taħt l-assigurazzjoni għal dipendenza għandhom jiġu sospiżi sa fejn il-persuna assigurata tkun toqgħod f'pajjiż barrani.

3. Ir-rilevanza prattika ta' din il-limitazzjoni hija kunsiderevoli peress li ma huwiex rari li l-persuni assigurati Ġermaniżi jkunu joqogħdu barra mill-pajjiż, li jista' jkollha bħala konsegwenza li huma jiċċaħħdu minn ċerti benefiċċji tal-assigurazzjoni għall-kura Ġermaniża.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż, lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż.

2 — Sentenza tal-5 ta' Marzu 1998, Molenaar (C-160/96, Ġabra p. I-843).

3 — Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009 (C-208/07, Ġabra p. I-6095).

4 — Elftes Buch Sozialgesetzbuch — [Artikolu 1 tal-Liġi tas-26 ta' Mejju 1994 (BGBl. I p. 1014), emendat l-aħħar bl-Artikolu 4 tal-Liġi tat-22 ta' Diċembru 2011 (BGBl. I p. 2983, iktar 'il quddiem is-"SGB XI")].

5 — Ara pereżempju, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2011, da Silva Martins (C-388/09, Ġabra p. I-5737, punti 38 u 42). Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi nnotat li, fil-prinċipju, l-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Marzu 2011, dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, p. 45), li għandha tiġi trasposta sal-25 ta' Ottubru 2013. Fil-fatt, skont il-premessa 14 tagħha, din id-direttiva ma tapplikax għal "servizzi li l-għan primarju tagħhom huwa li jappoġġaw lill-persuni li jkollhom bżonn assistenza biex iwettqu l-kompiti ta' kuljum tagħhom". Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-imsemmija direttiva ma tistax tapplika *ratione temporis*. Fil-fatt, minħabba t-terminu ta' xahrejn impost fl-opinjoni motivata li waslet għand il-konvenuta fit-23 ta' Novembru 2009, għandu jittieħed bħala bażi d-dritt li kien fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2010 u għaldaqstant id-direttiva għandha tiġi eskluża peress li daħlet fis-seħħ biss fl-2011.

4. Minn naħa, dan huwa rilevanti fid-dawl tat-tendenza kkonstatata reċentement, proprju min-naħa ta' persuni li huma ferm dipendenti fuq kura, li jistabbilixxu ruħhom għal tul ta' żmien barra mit-territorju Ġermaniż sabiex hemmhekk jirrikorru għal kura potenzjalment aħjar jew irħas [6].

5. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni tal-"esportabbiltà" [7] f'pajjiż barrani tal-benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza tqum ukoll meta ċ-ċittadini Ġermaniżi li jirċievu l-kura jkunu joqogħdu f'pajjiż barrani temporanjament biss, għal btala jew għal raġunijiet ta' xogħol.

6. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha diversi okkażjonijiet sabiex teżamina l-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza mad-dritt tal-Unjoni.

7. Fis-sentenza Molenaar [8], fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema u tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35), hija ddeċidiet li l-allowance għal dipendenza Ġermaniża kienet benefiċċju fi flus li l-persuna assigurata għandha tkun tista' tibbenefika minnha mingħajr limitu ta' żmien barra mit-territorju Ġermaniż fi Stat Membru ieħor [9]. Minn dakinhar, il-leġiżlatur Ġermaniż ħa inkunsiderazzjoni din is-sentenza u rrikonoxxa, għaldaqstant, l-esportabbiltà tal-allowance għal dipendenza fl-Unjoni Ewropea.

8. Mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tal-għoti ta' kura *in natura*. Hija din il-materja li kienet is-suġġett tas-sentenza von Chamier-Glisczinski [10], li kienet tikkonċerna każ ta' assistenza totali fi stabbiliment tal-kura fl-Awstrija. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fin-negattiv għad-domanda dwar jekk, fid-dawl tal-Artikolu 18 KE (li sar l-Artikolu 21 TFUE), iċ-ċittadin assigurat Ġermaniż jistax ikollu dritt għall-benefiċċji tal-kura *in natura* fi Stat Membru ieħor bl-istess mod bħal fil-Ġermanja, minħabba li l-benefiċċji *in natura* mogħtija kienu rregolati mid-dritt tal-Istat Membru ta' residenza [11] u li trattament possibbli inqas favorevoli li jingħata lill-persuna assigurata meta mqabbel ma' dak li jingħata taħt id-dritt fl-Istat tal-assigurazzjoni huwa aċċettabbli peress li d-dritt tas-sigurtà soċjali ma huwiex armonizzat fuq livell tal-Unjoni [12].

9. Dan il-każ, b'kuntrast mal-kawża li tat lok għas-sentenza von Chamier-Glisczinski, ma jinvolvix assistenza totali fi stabbiliment ta' kura, iżda l-użu ta' servizzi ta' kura u ta' apparat mediku għall-kura fid-dar mogħtija lill-persuna assigurata li toqgħod temporanjament fi Stat Membru ieħor, pereżempju għall-vaganzi.

10. Peress li, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI jipprekludi r-rikors għal benefiċċji taħt l-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza, il-Kummissjoni Ewropea tinvoka ksur tal-Artikolu 56 TFUE.

6 — Reċentement, SPIEGELonline ippubblikat artiklu bit-titolu "Demenz-Zentren in Thailand", fuq is-sit internet http://www.spiegel.de/wirtschaft/soziales/0,1518,773044-3,00.html.

7 — Dwar il-kunċett flessibbli tal-esportazzjoni tal-benefiċċji, ara l-"Gemeinsames Rundschreiben der Spitzenverbände der Pflegekassen zu Leistungen der Pflegeversicherung bei Auslandsaufenthalt", tat-13 ta' Settembru 2006, Nr. 1.2, li tista' tiġi kkonsultata fuq is-sit internet http://www.sindbad-mds.de/infomed/sindbad.nsf/002568A2003D5BAE/B6FAF6382466683E00256C72005C0D2C?OpenDocument, u A. Bassen,
"Export von Sachleistungen der Pflegeversicherung nach der Entscheidung des EuGH in der Rechtssache von Chamier-Glisczinski", NZS 2010, p. 479 *et seq*.

8 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 2 (punti 36 sa 39).

9 — Barra minn hekk, ara għal dak li jikkonċerna t-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-irtirar ta' terza persuna li tipprovdi kura fir-residenza lil persuna li hija dipendenti, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, Gaumain-Cerri u Barth (C-502/01 u C-31/02, Ġabra p. I-6483, punt 36).

10 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 3 (punti 24 sa 28, 63 sa 65, 83 sa 88, kif ukoll il-punt 2 tad-dispożittiv).

11 — Sentenza von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq (punt 65).

12 — *Ibidem* (punti 84 u 85).

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Ir-Regolament Nru 1408/71

11. L-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità [13] jipprovdi li, f'każ ta' residenza barra mill-Istat kompetenti:

"Persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti għall-intitolar tal-benefiċċji, [...] u:

a) li l-kondizzjoni tiegħu teħtieġ benefiċċji *in natura* li jsiru meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi matul qagħda [perijodu ta' residenza] fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, waqt li tingħata konsiderazzjoni lin-natura tal-benefiċċji u t-tul mistenni tal-qagħda [tar-residenza] fil-post [...]

tkun intitolata:

i) għall-benefiċċji [*in natura*] b'xi mod ipprovduti f'isem l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post tar-rimanenza jew residenza skond id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni li hija tamministra, bħallikieku kienet assigurata magħha [...];

ii) għall-benefiċċji fi flus ipprovduti mill-istituzzjoni kompetenti skond id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni li hija tamministra. Madankollu, bi ftehim bejn l-istituzzjoni kompetenti u l-istituzzjoni tal-post tar-rimanenza jew residenza, tali benefiċċji jistgħu jkunu pprovduti mill-istituzzjoni ta' l-aħħar f'isem ta' l-ewwel, skond id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti [...]."

12. L-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1408/71 fih dispożizzjoni simili li tikkonċerna l-"qagħda [perijodu ta' residenza] ta' pensjonant u/jew ta' membri tal-familja tiegħu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat li fih ikollhom ir-residenza tagħhom".

13. Skont l-Artikolu 36(1) tar-Regolament Nru 1408/71:

"Il-benefiċċji b'xi mod [*in natura*] ipprovduti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu mill-istituzzjoni ta' Stat Membru wieħed f'isem l-istituzzjoni ta' Stat Membru ieħor tkun mogħtija kollha kemm hi lura".

2. Ir-Regolament Nru 883/2004

14. Skont l-Artikolu 90 tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [14], jissostitwixxi r-Regolament Nru 1408/71 b'effett mill-1 ta' Mejju 2010 [15].

13 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1244/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 177, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

14 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72, kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010, tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, p. 35, itkar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 883/2004").

15 — Ara l-Artikolu 91 tal-imsemmi regolament.

15. F'każ ta' residenza barra mill-Istat Membru kompetenti, l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 883/2004 jipprovdi li:

"Sakemm il-paragrafu 2 ma jgħidx mod ieħor, persuna assigurata u l-membri tal-familja tagħha li joqogħdu fi Stat Membru li mhux l-Istat Membru kompetenti għandhom ikunu intitolati għall-benefiċċji mogħtija *in natura* li jkunu meħtieġa minħabba raġunijiet mediċi matul iż-żjara tagħhom. It-tip ta' benefiċċji u t-tul maħsub taż-żjara għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni. Dawn il-benefiċċji għandhom jingħataw f'isem l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara, skond id-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni li din l-istituzzjoni tapplika, bħallikieku il-persuni konċernati kienu assigurati taħt din il-leġislazzjoni".

16. L-Artikoli 27 u 35 tar-Regolament Nru 883/2004 jikkorrispondu essenzjalment għall-Artikoli 31 u 36 tar-Regolament Nru 1408/71.

B – *Id-dritt nazzjonali*

17. Fil-verżjoni li hija fis-seħħ illum, kif ikkompletata bil-paragrafu 1a[16], l-Artikolu 34 tas-SGB XI huwa fformulat kif ġej:

"(1) Id-dritt għall-benefiċċji għandu jiġi sospiż:

1. matul il-perijodu li fih il-persuna assigurata toqgħod f'pajjiż barrani. F'każ ta' perijodi ta' residenza temporanja f'pajjiż barrani, ta' mhux iktar minn sitt ġimgħat għal kull sena kalendarja, l-allowance għal kura skont l-Artikolu 37 jew l-allowance *pro rata* skont l-Artikolu 38 għandha tibqa' titħallas. Għall-benefiċċji ta' kura *in natura*, dan ikun japplika bl-istess mod biss jekk il-persuna li normalment tipprovdi l-kura takkumpanja lill-persuna dipendenti fuq il-kura matul il-perijodu ta' residenza fil-pajjiż barrani,

[...]

(1a) Id-dritt għall-allowance għal dipendenza skont l-Artikolu 37 jew għall-allowance *pro rata* skont l-Artikolu 38 ma għandux jiġi sospiż meta l-persuni assigurati dipendenti fuq il-kura jkunu joqogħdu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fi Stat kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3)] jew fl-Isvizzera.

[…]"

18. Rigward il-"benefiċċji ta' kura *in natura*", l-Artikolu 36(1) tas-SGB XI jipprovdi li:

"Il-persuni dipendenti fuq il-kura li jiġu kkurati f'darhom huma intitolati għall-benefiċċji *in natura* fil-forma ta' kura ġenerali u assistenza fid-dar tagħhom (kura fid-dar). [...] Il-kura fid-dar għandha tingħata minn persunal adegwat impjegat mill-fond tal-assigurazzjoni għal dipendenza jew mill-fornituri tal-kura fid-dar li kkonkludew ftehim mal-fondi tal-assigurazzjoni għal dipendenza. Il-kura fid-dar fil-forma ta' servizzi *in natura* tista' tingħata wkoll minn individwi li kkonkludew ftehim [...] mal-fond tal-assigurazzjoni għal dipendeza [...]"

16 — Introdott permezz tal-Artikolu 7 tal-Liġi tat-22 ta' Ġunju 2011, dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali fl-Ewropa u l-emendi għal-liġijiet l-oħra (BGBl. I p. 1202). Fid-dokument 17/4978, il-Bundestag għamlet riferiment espress għas-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, u għall-fatt li, issa, "il-kliem tal-Artikolu 34 tas-SGB XI huwa konformi mad-dritt Komunitarju".

19. L-Artikolu 37 tas-SGB XI jirregola l-"allowance għal dipendenza għal għajnuna organizzata personalment mill-pazjent" u jipprovdi li:

"(1) Il-persuni dipendenti fuq kura jistgħu jitolbu allowance għal dipendenza minflok kura fi djarhom. Dan jimplika li, permezz tal-allowance għal dipendenza, minħabba l-ammont tiegħu, il-persuna dipendenti fuq il-kura tiżgura hija stess, b'mod adewgat, l-organizzazzjoni tal-kura ġenerali u tal-assistenza fid-dar. [...]"

20. Skont l-Artikolu 38 tas-SGB XI, huwa possibbli li jittieħdu l-benefiċċji ta' kura *in natura* u l-allowance għal dipendenza (benefiċċji konġunti). Il-persuna dipendenti fuq il-kura hija essenzjalment marbuta bid-deċiżjoni tagħha dwar il-proporzjon li hija tixtieq tuża minn dawn iż-żewġ benefiċċji *in natura* u fi flus, għal perijodu ta' sitt xhur. Madankollu, skont l-Artikolu 48(1) tas-SGB XI, fil-każ ta' tibdil sostanzjali tas-sitwazzjoni tagħha, huwa possibbli li d-deċiżjoni tiġi aġġustata skont is-sitwazzjoni ta' dipendenza ġdida[17], pereżempju meta l-bżonnijiet effettivi jew id-disponibbiltà tal-persunal li jipprovdi l-kura jinbidlu.

21. L-Artikolu 40 tas-SGB XI jirregola l-provvista ta' apparat mediku u jipprovdi li:

"(1) Il-persuni li huma dipendenti fuq il-kura huma intitolati li jibbenefikaw minn apparat mediku li jista' jiffaċilita l-għoti tal-kura, itaffi d-diffikultajiet li jkollha persuna dipendenti fuq kura jew li jrendi l-ħajja ta' tali persuna iktar indipendenti, bil-kundizzjoni madankollu li la l-assigurazzjoni għall-mard u lanqas fornitur ieħor ma jkollhom l-obbligu li jipprovdu dan l-apparat mediku minħabba mard jew diżabbiltà. Il-fond tal-assigurazzjoni għal dipendenza għandu jivverifika l-ħtieġa li jiġi pprovdut l-apparat mediku bil-parteċipazzjoni ta' persunal li jipprovdi l-kura jew tas-servizz mediku. [...]

[...]

(3) Il-fondi ta' assigurazzjoni għal dipendenza għandhom, fil-każijiet kollha rilevanti, jipprovdu l-apparat mediku taħt titolu ta' self. Huma jistgħu jissuġġettaw il-ftehim għall-kundizzjoni li l-persuni dipendenti fuq il-kura jippruvaw l-apparat mediku jew li huma stess jitgħallmu kif jużawh jew jiġu mgħallma kif jużawh mill-persunal li jipprovdi l-kura [...]"

III – Il-proċedura prekontenzjuża

22. Ir-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu nibet mill-każ ta' ċittadin Ġermaniż li kien joqgħod xahrejn fis-sena ma' martu, li hija dipendenti fuq kura, f'lukanda spa fi Stat Membru ieħor. Sabiex jipprovdi kura lil martu, huwa kien assistit minn fornitur tal-kura ambulatorja barrani, u kellu jikri wkoll sodda ortopedika. Madankollu, l-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza kienet tagħtih biss allowance għal dipendenza li kienet ferm inqas minn dak li kienu jiswew is-servizzi ta' kura *in natura* li huwa seta' jirċievi fil-Ġermanja. L-ispejjeż tal-kiri ta' sodda ortopedika ma kinux jiġu rrimborsati.

23. Wara li ħadet konjizzjoni ta' dan, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz ta' ittra tad-19 ta' Settembru 2007, tipprovdilha informazzjoni addizzjonali dwar id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti, liema informazzjoni ġiet ipprovduta permezz ta' ittra tas-7 ta' Jannar 2008. F'ittra oħra, tas-17 ta' Ottubru 2008, il-Kummissjoni osservat, b'mod partikolari, li d-dispożizzjonijiet tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza dwar ir-rimbors tal-ispejjeż għall-kura fid-dar sostnuti fi Stat ieħor tal-Unjoni setgħu jkunu inkompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u hija stabbilixxiet terminu ta' xahrejn sabiex jiġu ppreżentati l-osservazzjonijiet. F'dawn

17 — Din id-dispożizzjoni tirregola l-annullament ta' att amministrattiv individwali li jkollu effetti fit-tul fil-każ ta' tibdil fis-sitwazzjoni.

l-osservazzjonijiet, li ġew ippreżentati fis-17 ta' Diċembru 2008, il-Ġermanja kkontestat l-analiżi legali tal-Kummissjoni u ppreżentat osservazzjonijiet addizzjonali fl-ittri tas-16 ta' Lulju 2009 u tat-18 ta' Settembru 2009. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

24. Bi tweġiba għal din l-opinjoni motivata, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ħabbret tibdil fil-liġi sabiex tkompli tħallas l-allowance għal dipendenza meta l-persuna tkun tirrisjedi fi Stat Membru ieħor filwaqt li żammet il-kumplament tal-analiżi legali tagħha.

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

25. Fir-rikors tagħha tad-29 ta' Novembru 2010, li ġie ppreżentat fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni talbet l-ewwel nett li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tikkonstata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 56 tat-Trattat FUE inkwantu

1. tirrikonoxxi dritt għal allowance għal dipendenza għal perijodu ta' sitt ġimgħat biss, skont il-kliem tal-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI fil-każ li l-persuna li tirċievi l-kura tkun temporanjament residenti fi Stat Membru ieħor;

2. ma tipprovdix, fir-rigward tas-servizzi ta' kura mogħtija lil persuna dipendenti fuq il-kura u li tkun temporanjament residenti fi Stat Membru ieħor minn fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor, l-istess rimbors ta' spejjeż bħalma jingħata għas-servizzi ta' kura *in natura* mogħtija fil-Ġermanja, jew teskludi tali rimbors skont l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI;

3. ma tirrimborsax, fil-każ li l-persuna dipendenti fuq il-kura tkun temporanjament residenti fi Stat Membru ieħor, l-ispejjeż meħtieġa għall-kiri ta' apparat mediku jew billi teskludi tali rimbors taħt l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI, minkejja li fil-Ġermanja dawn l-ispejjeż huma rrimborsati jew li dan l-apparat mediku jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuna li tirċievi l-kura u li r-rimbors ma jirriżultax f'duplikazzjoni jew f'żieda kwalunkwe tal-benefiċċji mogħtija fil-Ġermanja;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

26. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad ir-rikors u tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

27. Wara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja emendat l-Artikolu 34 tas-SGB XI sabiex tippermetti li, fil-futur, ikun jista' jiġi rċevut l-allowance għal kura fi Stat Membru ieħor, il-Kummissjoni rtirat il-punt (1) tat-talbiet tar-rikors tagħha iżda żammet l-ilmenti l-oħra, u dan permezz tan-nota tat-2 ta' Diċembru 2011.

28. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja laqgħet b'sodisfazzjon ir-rinunzja tal-Kummissjoni, iżda fir-rigward tal-ilmenti li nżammu mill-Kummissjoni, hija ttenni t-talbiet tagħha sabiex jiġi miċħud ir-rikors u sabiex ir-rikorrenti tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

V – L-argumenti prinċipali tal-partijiet

29. Skont il-Kummissjoni, id-dispożizzjonijiet dwar is-servizzi ta' kura *in natura* fis-sens tal-Artikolu 36 tas-SGB XI u l-apparat mediku fis-sens tal-Artikolu 40 tas-SGB XI, li japplikaw fil-każ ta' residenza temporanja fi Stat Membru ieħor, li jipprevedu servizzi ferm inqas minn dawk mogħtija meta l-kura tingħata fil-Ġermanja, ma humiex kompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li hija ggarantita mill-Artikolu 56 TFUE. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri huma obbligati josservaw id-dritt tal-Unjoni meta jeżerċitaw is-setgħa tagħhom dwar l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom. L-Artikolu 56 TFUE jeżiġi li tiġi eliminata kull restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din tkun tapplika mingħajr differenza għall-forniturі nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħra, meta hija tkun tali li tostakola l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, fejn huwa jipprovdi servizzi simili. Id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi jirrendu l-fatt li wieħed jirrikorri għall-forniturі ta' kura f'pajjiż barrani iktar diffiċli milli wieħed jirrikorri għall-forniturі Ġermaniżi simili. Bl-istess mod, fir-rigward tal-provvista ta' apparat mediku, ikun hemm restrizzjoni peress li l-ispejjeż sostnuti għall-kiri ta' dan il-materjal f'pajjiż barrani ma humiex irrimborsati anki jekk dawn ikunu jistgħu jiġu rrimborsati fil-Ġermanja.

30. Hija ssostni li xejn ma jidher li jiġġustifika r-restrizzjonijiet imsemmija qabel. Id-dispożizzjonijiet restrittivi jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi inkwistjoni jew sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika peress li jeskludu r-rimbors tal-ispejjeż sostnuti fi Stat Membru ieħor indipendentement minn kwalunkwe eżami ta' kwalità. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel bl-ebda mod ma huma meħtieġa sabiex jipproteġu l-bilanċ finanzjarju tal-assigurazzjoni għal dipendenza, peress li fil-Ġermanja jiġu rrimborsati ammonti ogħla mingħajr problemi u peress li ma teżisti ebda raġuni sabiex wieħed jaħseb li l-persuni dipendenti fuq il-kura li, pereżempju, jirċievu biss l-allowance għal dipendenza fil-Ġermanja, jagħżlu li f'pajjiż barrani jirċievu benefiċċji ta' kura *in natura* li huma ogħla.

31. Is-sentenza von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq, ma tistax tiġi trasposta għal dan il-każ peress li, minn naħa, ma tikkonċernax l-Artikolu 56 TFUE u, min-naħa l-oħra, hija relatata ma' każ ta' tibdil ta' residenza.

32. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li, fir-rigward tar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura fid-dar skont l-Artikolu 36 tas-SGB XI, ma hemm ebda restrizzjoni peress li lanqas fil-Ġermanja, l-użu ta' forniturі mhux affiljati mal-fond tal-assigurazzjoni ma jagħtix dritt għar-rimbors. Huwa minnu li l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju ma teżentax lil Stat Membru milli jiggarantixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, madankollu, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, id-drittijiet tal-persuna assigurata li jirriżultaw mid-dritt sekondarju ma għandhomx jiġu injorati totalment. Dan għaliex, it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri jiġġustifika li ma jingħatawx ċerti servizzi f'pajjiż barrani, anki jekk il-livell ta' servizzi mogħtija fl-Istat ta' residenza jista' jkun iktar baxx minn dak tas-servizzi mogħtija fl-Istat fejn il-persuna tkun assigurata.

33. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li teżisti restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, din hija ġġustifikata. Il-protezzjoni tas-saħħa pubblika teżiġi dispożizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni, peress li l-għan ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa li tiġi żgurata provvista ta' kura ta' livell għoli. Il-garanzija tal-kwalità teħtieġ kontroll strett tal-istituzzjonijiet li jipprovdu l-kura u jsir kuntratt biss mal-persuni jew l-istituzzjonijiet li joffru dawn il-garanziji. Il-leġiżlazzjoni preżenti ma tipprevedix li jsiru kuntratti għall-provvista ta' kura mal-forniturі barranin minħabba li l-kura tkun tinvolvi, apparti s-servizzi mediċi, servizz ta' attenzjoni personali wkoll u li, f'dan ir-rigward, il-lingwa u l-kultura huma fatturi determinanti għall-persuna dipendenti fuq il-kura. Ikun impossibbli li jiġi żgurat il-kontroll tal-kwalità f'pajjiż barrani.

34. Fuq kollox, ikun impossibbli li tinżamm u tiġi organizzata sistema ta' kura li tkun xierqa u adegwata jekk, fil-perijodi tal-vaganzi, numru kbir ta' pazjenti jitolbu li jiġu kkurati f'pajjiż barrani u jekk, matul dan iż-żmien, il-persunal tal-kura Ġermaniż ma jkunx biżżejjed. Huwa proprju dan li l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 jieħu inkunsiderazzjoni.

35. Fl-aħħar nett, il-possibbiltà li jiġu esportati l-benefiċċji ta' kura *in natura* tipperikola l-bilanċ finanzjarju tal-assigurazzjoni għal dipendenza.

36. Is-sentenza Kohll [18], li tikkonċerna l-ispejjeż tal-kura sostnuti fi Stat Membru ieħor, ma tistax tiġi trasposta għall-assigurazzjoni għal dipendenza tas-sigurtà soċjali għas-sempliċi raġuni li ma jeżistix ir-riskju li wieħed ma jkunx kopert; f'dan ir-rigward, l-assigurazzjoni għal dipendenza tikkostitwixxi każ partikolari meta mqabbla mal-assigurazzjoni għall-mard. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan fis-sentenza von Chamier-Glisczinsiki, iċċitata iktar 'il fuq, fejn hija enfasizzat mill-ġdid li l-Istati Membri għandhom kompetenza esklużiva sabiex jorganizzaw is-sistema tas-saħħa. Konsegwentement, l-Istat fejn il-persuna tkun assigurata ma huwiex obbligat jipprovdi benefiċċji li ma jeżistux lanqas fl-Istat ta' residenza tal-persuna assigurata. Billi tabbanduna r-residenza tagħha jew tiddeċiedi li toqgħod f'post ieħor għal ċertu żmien, il-persuna dipendenti fuq il-kura tagħżel li tkun suġġetta għar-regoli tal-Istat ta' residenza.

37. Fl-aħħar nett, id-dispożizzjoni dwar il-provvista ta' apparat mediku lanqas tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi; fil-fatt, f'dan il-każ, id-dispożizzjoni tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 883/2004 tapplika għall-provvista ta' servizzi f'pajjiż barrani.

VI – Evalwazzjoni tad-dritt

38. Wara li eżaminajt, b'mod preliminari, l-istruttura tal-assigurazzjoni għal dipendenza, ser nippreċiża, l-ewwel nett, is-suġġett tar-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u sussegwentement, il-kriterju għall-evalwazzjoni. Sussegwentement, għandu jiġi analizzat, f'dan il-każ, jekk hemmx nuqqas ta' twettiq tal-obbligi taħt l-Artikolu 56 TFUE. Fl-aħħar nett, għandha tiġi eżaminata t-talba tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż.

A – *Il-karatteristiċi prinċipali tal-assigurazzjoni għal dipendenza*

39. Il-karatteristiċi prinċipali tal-assigurazzjoni għal dipendenza tas-sigurtà soċjali, f'każ ta' kura fid-dar, li huma rilevanti f'dan il-każ u li jikkonċernaw ir-residenza temporanja f'pajjiż barrani, jistgħu jiġu deskritti fil-qosor kif ġej.

40. L-assigurazzjoni għal dipendenza tas-sigurtà soċjali Ġermaniża tipprevedi diversi benefiċċji għall-persuni dipendenti fuq il-kura. Fil-qasam tal-kura fid-dar, hija toffri, fost is-sensiela ta' benefiċċji, l-għażla bejn "allowance għal kura" [19] fil-forma ta' somma f'daqqa, li l-ammont tagħha jiddependi mil-livell ta' dipendenza, jew tas-servizzi ta' kura *in natura* mogħtija bħala "kura fid-dar" [20]. Barra minn hekk, huwa possibbli, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jiġi pprovdut xi apparat mediku [21].

18 — Sentenza tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, Ġabra p.I-1931).

19 — Artikolu 37 tas-SGB XI.

20 — Artikolu 36 tas-SGB XI.

21 — Artikolu 40 tas-SGB XI.

1. Il-benefiċċji ta' kura *in natura*

41. Skont l-Artikolu 36 tas-SGB XI, il-persuni dipendenti fuq il-kura li jiġu kkurati f'darhom huma intitolati għal benefiċċji *in natura* fil-forma ta' kura ġenerali u assistenza fid-dar; din il-kura fid-dar għandha tiġi pprovduta minn persunal adegwat impjegat mill-fond tal-assigurazzjoni għal dipendenza, jew mill-forniturі tal-kura fid-dar li magħhom il-fondi ta' assigurazzjoni jkunu kkonkludew ftehim. Fil-preżent, skont il-livell ta' dipendenza tal-persuna dipendenti fuq il-kura, ir-rati mensili mħallsa huma bejn EUR 450 u EUR 1.550. F'Jannar 2010, li huwa l-mument rilevanti li jikkorrispondi għal tmiem it-terminu impost fl-opinjoni motivata, dawn kienu bejn EUR 440 u EUR 1.510. Dawn kienu benefiċċji *in natura* li l-fond ta' assigurazzjoni għal dipendenza jagħti lill-persuni li huma dipendenti fuq il-kura u li għalihom huwa jqabbad il-forniturі direttament.

42. Fil-prinċipju, id-drittijiet għall-benefiċċji *in natura* skont l-Artikolu 36 tas-SGB XI jiġu sospiżi sakemm il-persuna dipendenti fuq il-kura tkun qiegħda toqgħod f'pajjiż barrani: għal sitt ġimgħat biss fis-sena, il-benefiċċji tal-kura *in natura* jistgħu jibqgħu jingħataw f'pajjiż barrani jekk ikun hemm il-persuna li tipprovdi l-kura li takkumpanja lill-persuna dipendenti fuq il-kura matul il-perijodu ta' residenza f'pajjiż barrani. Din il-persuna għandha tkun tista' tipprovdi l-kura fis-sens tal-Artikolu 36 tas-SGB XI.

2. L-allowance għal kura

43. Skont l-Artikolu 37 tas-SGB XI, huwa possibbli li tintalab allowance għal kura, minflok il-benefiċċju tal-kura *in natura* u li wieħed jorganizza huwa stess b'mod adegwat il-kura ġenerali u l-assistenza fid-dar. L-ammont ta' din l-allowance għal kura fil-forma ta' somma f'daqqa huwa fil-preżent, dejjem skont il-livell ta' dipendenza tal-persuna dipendenti fuq il-kura, bejn EUR 235 u EUR 700 u, konsegwentement, huwa ħafna inqas mill-ammonti tal-benefiċċji ta' kura *in natura*. Fil-mument rilevanti tal-opinjoni motivata, l-ammonti kienu bejn EUR 225 u EUR 685. Skont l-Artikolu 38 tas-SGB XI, huwa possibbli wkoll li jittieħdu kemm il-benefiċċju *in natura* kif ukoll l-allowance għal kura flimkien billi dawn jittieħdu t-tnejn b'mod parzjali, fejn il-persuna assigurata tkun marbuta bl-għażla li hija tagħmel għal perijodu ta' sitt xhur.

44. Wara s-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, u llum il-ġurnata espressament skont l-Artikolu 34(1a) tas-SGB XI, l-allowance għal kura prevista fl-Artikolu 37 tas-SGB XI, l-istess bħall-allowance għal kura *pro rata*, prevista fl-Artikolu 38 tas-SGB XI, bħala rimbors ta' somma f'daqqa, tista' tkompli titħallas ukoll meta l-persuna dipendenti fuq il-kura tkun toqgħod fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, fi Stat kontraenti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Isvizzera.

3. L-apparat ta' kura

45. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 40 tas-SGB XI, il-persuna dipendenti fuq il-kura għandha dritt tibbenefika minn apparat tal-kura li jippermetti li jiġi ffaċilitat l-għoti tal-kura, li jittaffew id-diffikultajiet li jkollha persuna dipendenti fuq kura jew li l-ħajja ta' tali persuna ssir iktar indipendenti sakemm l-imsemmi apparat ma jiġi pprovdut minn ebda istituzzjoni oħra.

46. Dan id-dritt jiġi sospiż ukoll f'każ li l-persuna dipendenti fuq il-kura tmur toqgħod f'pajjiż barrani.

B – *Is-suġġett tar-rikors għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

47. Wara l-irtirar parzjali tar-rikors, l-ilmenti tal-Kummissjoni jirrigwardaw, minn naħa, id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi dwar ir-rimbors tas-servizzi ta' kura "mogħtija minn fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor" lil persuna dipendenti fuq il-kura li tirrisjedi temporanjament fi Stat Membru ieħor u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet korrispondenti dwar ir-rimbors tal-ispejjeż tal-kiri tal-apparat tal-kura.

48. Konsegwentement, ir-rikors jikkonċerna biss l-użu ta' benefiċċji waqt perijodu ta' residenza temporanja tal-persuna assigurata fi Stat Membru ieħor. L-ilmenti ma jirrigwardawx il-fatt li l-forniturі barranin huma totalment esklużi mis-sistema tal-benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni għal dipendenza tas-sigurtà soċjali minħabba li ma kkonkludewx ftehim għall-provvista tal-kura mal-fond tal-assigurazzjoni. Konsegwentement, anki fit-territorju Ġermaniż, huma ma jistgħux joffru s-servizzi tagħhom permezz tal-fond ta' assigurazzjoni għal dipendenza u jistgħu joffruhom biss huma stess direttament lill-persuni dipendenti fuq il-kura li għandhom ikopru l-ispejjeż bil-mezzi tagħhom stess u, jekk ikun il-każ, billi jitolbu l-allowance għal dipendenza.

49. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkunsidra li d-dispożizzjonijiet Ġermaniżi huma problematiċi biss mill-aspett tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, mingħajr ma jolqtu aspetti oħra li jistgħu jkunu involuti, bħalma hija ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u l-moviment liberu. Konsegwentement, dawn l-aspetti ma għandhomx jiġu ttrattati peress li skont l-Artikolu 38(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-suġġett tal-kawża għandu jiġi indikat fir-rikors u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi *ultra petita* [22] .

50. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi eżaminat jekk u sa fejn, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista' ssir rilevanti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri.

C – *Evalwazzjoni fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi*

51. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja [23], id-dritt li wieħed jitlob servizzi ta' saħħa fi Stat Membru ieħor ma għandux jiġi evalwat biss fid-dawl tar-Regolament Nru 1408/71 (jew, issa, tar-Regolament Nru 883/2004) [24], iżda jeħtieġ ukoll li jiġu osservati l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

52. Konsegwentement, huwa konċepibbli li, minħabba l-libertajiet fundamentali, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jingħataw benefiċċji fil-qasam tas-saħħa li jmorru lil hinn minn dak li jipprevedi d-dritt sekondarju fil-qasam tas-sigurtà soċjali, jiġifieri, ir-Regolament Nru 1408/71 u r-regolament li ġie adottat warajh [25].

22 — Sentenza tal-15 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-C-211/08, Ġabra p. I-5267, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 1984, Luisi u Carbone (286/82 u 26/83, Ġabra p. 377, punt 16); tat-28 ta' April 1998, Decker (C-120/95, Ġabra p. I-1831, punt 27); Kohll (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 20); kif ukoll Il-Kummissjoni vs Spanja, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 — Dwar il-fakultà li għandhom l-Istati Membri li jagħtu protezzjoni soċjali iktar wiesgħa, ara s-sentenza von Chamier-Glisczinski, iċċitata iktar 'il fuq (punt 56).

25 — Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel *et*. (C-368/98, Ġabra p. I-5363, punti 42, 45, 51 sa 53). Fuq il-punt dwar sa fejn l-ispejjeż ta' kura fl-isptar fi Stat Membru ieħor għandhom jiġu rrimborsati lill-persuna assigurata, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat bħala ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi l-"fatt li persuna assigurata jkollha livell ta' assigurazzjoni anqas vantaġġuż meta hija tirċievi kura fi sptar fi Stat Membru ieħor milli meta hija tirċievi l-istess kura fl-Istat Membru fejn hija assigurata".

53. Dan l-approċċ ġie kkritikat mid-duttrina. Essenzjalment, l-argument huwa li d-dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju, li għandhom jikkostitwixxu l-kriterju ta' evalwazzjoni prinċipali tad-drittijiet tal-persuni assigurati, jipprekludu li wieħed jirrikorri direttament għal-libertajiet fundamentali peress li, altrimenti, dan jippreġudika l-bilanċ fis-sistema ta' koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u joħloq kunflitt mal-kompetenza leġiżlattiva tal-Istati Membri. Ikun biss possibbli li jsir rikors għad-dritt primarju f'każ li dispożizzjoni tad-dritt sekondarju tkun nulla [26].

54. Madankollu, din il-kritika tad-duttrina ma wasslitx lill-Qorti tal-Ġustizzja tibdel l-approċċ tagħha. Madankollu, il-Qorti tal-Gustizzja hija assolutament konxja mill-frammentazzjoni ta' kompetenzi fil-qasam tas-sistema tas-saħħa u tal-kunflitti li jirriżultaw bejn is-sovranità tal-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistema tas-saħħa [27], minn naħa, u l-libertajiet fundamentali, min-naħa l-oħra, u tenfasizza, f'ġurisprudenza stabbilita, li d-dritt tal-Unjoni ma jaffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fuq livell tal-Unjoni, hija għalhekk il-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. Xorta waħda jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza u b'mod iktar ġenerali, fil-kuntest tal-organizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi [28], il-moviment liberu tal-merkanzija [29] u l-libertà ta' stabbiliment [30].

55. Ċertament dan ifisser li, fil-qasam tas-sistema tas-saħħa, għandhom jiġu osservati l-libertajiet fundamentali, iżda dawn ma jaffettwawx il-kompetenza li l-Istat Membru għandu li jevalwa huwa stess liema livell ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika jrid jiggarantixxi u l-mod kif dan il-livell għandu jintlaħaq [31]. Għaldaqstant, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tagħtix dritt fundamentali [32] għal ċerta organizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa nazzjonali partikolari u għall-provvista ta' sensiela ta' benefiċċji partikolari.

56. Wara li hawn fuq stabbilixxejt il-kriterju ta' evalwazzjoni speċifiku, fid-dawl tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fil-qasam tas-saħħa, għandu jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet Ġermaniżi, li jippermettu l-esportazzjoni ta' benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni għal dipendenza b'mod limitat biss, jiksrux l-Artikolu 56 TFUE.

26 — Wieħed jista' jsib sunt ta' dan l-argument fid-duttrina ta' Bassen, *op.cit.*, p. 480 (b'mod partikolari n-noti 12 u 13).

27 — Ara l-Artikolu 168(7) TFUE.

28 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, Ġabra p. I-4325, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata); kif ukoll Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 53).

29 — Ara f'dan ir-rigward, dwar il-provvista ta' mediċini, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-141/07, Ġabra p. I-6935, punti 22 sa 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 — Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*. (C-171/07 u C-172/07, Ġabra p. I-4171, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 — Sentenza Apothekerkammer des Saarlandes *et*., iċċitata iktar 'il fuq (punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 — Madankollu, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tista', f'ċerti każijiet, timponi li tittieħed ir-responsabbiltà għall-ħlas ta' kura f'pajjiż barrani anki jekk is-sistema ta' sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġni tirrifjuta espressament ir-rimbors tal-ispejjeż għal ċerti kuri f'pajjiż barrani. Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki (C-444/05, Ġabra p. I-3185).

D – *Il-limitazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' benefiċċji in natura tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza tikser l-Artikolu 56 TFUE?*

1. Il-limitazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza hija sitwazzjoni li għandha elementi transkonfinali

57. Il-każ preżenti jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Il-kawża preżenti hija differenti mill-kawża von Chamier-Glisczinski [33], li, fir-rigward tal-benefiċċju inkwistjoni, kienet tikkostitwixxi każ partikolari purament Awstrijak peress li l-persuna kkonċernata kienet tirrisjedi permanentement fl-Awstrija u kienet tibbenefika hemmhekk minn benefiċċji ta' dak l-Istat.

58. Dan il-każ, min-naħa l-oħra, jikkonċerna perijodu ta' residenza temporanja tal-benefiċjarju fi Stat Membru ieħor u għaldaqstant, każ partikolari fejn il-fornitur u l-benefiċjarju huma stabbiliti fi Stati Membri differenti. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi ma tinkludix biss il-provvista ta' servizz transkonfinali, iżda tipproteġi wkoll lill-benefiċjarju li, bħal f'dan il-każ, imur fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievi benefiċċju partikolari hemmhekk, jiġifieri, b'mod partikolari, il-libertà wkoll ta' persuna assigurata stabbilita fi Stat Membru li tmur fi Stat Membru ieħor, pereżempju bħala turista, u li, f'każ ta' bżonn minħabba l-istat ta' saħħa tagħha, tikseb hemmhekk servizzi mediċi pprovduti minn fornitur stabbilit f'dak l-Istat [34].

59. Barra minn hekk, il-provvista ta' servizz mediku tibqa' taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE minħabba li, wara li jkun ħallas lill-fornitur tas-servizz f'pajjiż barrani għall-kura li jkun ingħata, il-benefiċjarju jitlob sussegwentement li s-servizz nazzjonali tas-saħħa jassumi r-responsabbiltà għall-ħlas tal-ispejjeż ta' dik il-kura [35].

2. Il-limitazzjoni fuq l-esportazzjoni tal-benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza tikkostitwixxi restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi?

60. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali li jkollha bħala effett li tirrendi l-provvista ta' servizzi bejn Stati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna fi Stat Membru [36].

a) Is-servizzi ta' kura pprovduti fid-dar fid-dawl tal-Artikolu 56 TFUE

61. Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-fatt li, fir-rigward tas-servizzi ta' kura mogħtija lil persuna dipendenti fuq il-kura u li tkun temporanjament residenti fi Stat Membru ieħor minn fornitur ta' servizzi stabbilit f'dan l-Istat, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tipprovdi għal ebda rimbors tal-ispejjeż sal-ammont tas-servizzi ta' kura *in natura* mogħtija fil-Ġermanja jew teskludi tali rimbors skont l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI, għandux dak l-effett. Jekk dan huwa l-każ, għandu jiġi evalwat, fit-tieni lok, jekk tali restrizzjoni tistax tkun iġġustifikata.

i) Hemm inkwistjoni restrizzjoni?

62. Persuna affiljata mal-assigurazzjoni għal dipendenza Ġermaniża, bħala konsumatriċi tas-servizzi ta' kura, għandha d-dritt tibbenefika mill-benefiċċji fi Stat Membru ieħor skont is-SGB XI kif ġej.

33 — Iċċitata iktar 'il fuq (punti 75 sa 77).

34 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punti 47 sa 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 — *Ibidem* (punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 — Sentenzi Kohll (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 33); tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, Ġabra p. I-5473, punt 61); u Stamatelaki (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 32, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63. Fl-ewwel lok, għal perijodu ta' sitt ġimgħat, skont l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI, hija tista' tkompli tirċievi servizzi ta' kura minn persunal ta' kura adegwat li jakkumpanjaha. Dawn iridu jkunu persuni li għandhom il-kompetenzi previsti fl-Artikolu 36 tas-SGB XI, jiġifieri, bħala regola ġenerali, persunal ta' servizz ta' kura Ġermaniż [37]. F'dan ir-rigward, jista' jsir użu minn fornituri barranin.

64. Madankollu, il-persuna assigurata ma tistax tikseb "rimbors tal-ispejjeż sal-ammont tas-servizzi ta' kura *in natura* mogħtija fil-Ġermanja" skont is-SGB XI għall-benefiċċji ta' kura pprovduta fi Stat Membru ieħor minn fornitur lokali. Ċertament, hija tkun għad tista' tirrikorri għal fornituri barranin, madankollu, għal dawn, hija ma għandhiex dritt għall-istess rimbors tal-benefiċċji *in natura* Ġermaniżi, peress li l-fornitur barrani ma jagħmilx parti mis-sistema tal-assigurazzjoni għal dipendenza Ġermaniża billi ma jkunx iffirma kuntratt għall-provvista tal-kura. Madankollu, sabiex tkopri l-ispejjeż, il-persuna assigurata tista' tirrikorri għall-allowance għal kura (inqas mill-ammont tal-benefiċċji *in natura*), jekk hija tkun għażlet li tirċievi l-imsemmija allowance.

65. *Prima facie*, dan il-fatt qisu jwassal sabiex jingħad li teżisti restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' servizzi ta' kura pprovduti fi Stat Membru ieħor. Fil-fatt, jekk wieħed jikkunsidra biss id-dispożizzjonijiet tas-SGB XI, fl-ewwel lok, kollox juri li meta ċittadin Ġermaniż dipendenti fuq il-kura jirrikorri għas-servizzi ta' kura fi Stat Membru ieħor, huwa jkun finanzjarjament inqas kopert milli jkun fil-Ġermanja, fejn huwa jista' jirrikorri għas-sistema ta' benefiċċji *in natura* fejn l-ammonti huma ogħla minn dawk tal-allowance għal kura. Konsegwentement, jidher li huwa iktar diffiċli li wieħed jirrikorri għall-benefiċċji fi Stat Membru ieħor u jidher li dan jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

66. Madankollu, fil-fatt u fid-dritt, is-sitwazzjoni hija iktar ikkumplikata minn dak li jirriżulta *prima facie* meta wieħed jeżamina d-dispożizzjonijiet tas-SGB XI waħidhom. Fil-fatt, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li, kif jinnota diversi drabi l-Gvern Ġermaniż, fi Stat Membru ieħor, il-persuna dipendenti fuq il-kura għandha għad-dispożizzjoni tagħha wkoll il-benefiċċji *in natura* tas-sistema tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat. Kien jeżisti jew għadu jeżisti dritt għal dawn il-benefiċċji taħt l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1408/71 jew taħt l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 883/2004, u dan "f'isem l-istituzzjoni kompetenti" tal-Istat ta' assigurazzjoni tal-persuna dipendenti fuq il-kura. Konsegwentement, sa fejn jippermetti d-dritt tal-Istat ta' residenza, il-persuna dipendenti fuq il-kura tista', f'dan il-kuntest, tirrikorri għall-fornituri lokali.

67. Għaldaqstant, it-teħid tar-responsabbiltà għall-ħlas tal-ispejjeż ta' servizz ta' kura, pereżempju ta' assistenza fid-dar minn persunal tal-kura, fl-ammont ta' dak li jiġi rrimborsat fil-Ġermanja skont l-ammonti ta' benefiċċji *in natura* previsti mis-SGB XI, ma huwiex iggarantit għaċ-ċittadin Ġermaniż dipendenti fuq il-kura, iżda tali teħid ta' responsabbiltà lanqas ma hu esklużż. Skont is-sensiela ta' benefiċċji tas-sistema tas-sigurtà soċjali barranija, huma possibbli tliet sitwazzjonijiet. Minn naħa, meta ċ-ċittadin Ġermaniż dipendenti fuq il-kura jirrikorri għas-servizzi ta' kura fi Stat Membru ieħor, huwa jkun inqas kopert finanzjarjament milli jkun fil-Ġermanja minħabba li hemmhekk huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-allowance għal kura biss u fejn is-sistema tal-assigurazzjoni soċjali barranija ma tagħti ebda servizz ta' kura fid-dar. Min-naħa l-oħra, wieħed jista' jikkonċepixxi wkoll, madankollu, li, minħabba organizzazzjoni iktar ġeneruża tal-benefiċċji ta' sigurtà soċjali, meta persuna dipendenti fuq il-kura tirrikorri għal servizzi ta' kura f'pajjiż barrani, hija ssib ruħha f'sitwazzjoni finanzjarjament iktar vantaġġjuża milli fil-Ġermanja. It-tielet sitwazzjoni hija dik li fiha l-effetti konġunti tad-drittijiet eżistenti jwasslu sabiex ipoġġu lill-persuna dipendenti fuq il-kura, eżattament fl-istess sitwazzjoni finanzjarja fil-Ġermanja u kif ukoll fil-pajjiż barrani.

37 — Fil-prattika, fid-dawl tal-ispiża għolja tal-persunal li jakkumpanja l-persuna dipendenti fuq il-kura, li għandha titħallas mill-fond ta' assigurazzjoni, mhux kompletament, iżda biss skont ir-rati applikabbli, dan il-każ huwa probabbilment rari.

68. Għaldaqstant, fl-aħħar mill-aħħar, il-punt dwar jekk huwiex iktar diffiċli li l-persuna dipendenti fuq il-kura tirrikorri għal servizzi fi Stat Membru ieħor, li tirrendi lill-istess servizzi inqas attraenti [38] minn dawk offruti fis-suq Ġermaniż tas-servizzi ta' kura, jiddependi mill-effetti konġunti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ġermaniż u barrani tas-sigurtà soċjali. Konsegwentement, ma huwiex possibbli li tingħata risposta ġenerali għad-domanda dwar jekk dan huwiex restrizzjoni. Dan jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.

69. Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat l-ewwel nett li, fuq dan il-punt, il-Kummissjoni ma argumentatx b'mod suffiċjentement issostanzjat u ma ttrattatx b'mod konvinċenti u dettaljat l-effetti konġunti tad-diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tas-SGB XI.

70. Skont ġurisprudenza stabbilita, hija madankollu l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza tan-nuqqas allegat. Hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-elementi neċessarji għall-verifika, min-naħa tagħha, tal-eżistenza ta' dan in-nuqqas, u dan mingħajr ma tkun tista' tibbaża ruħha fuq xi preżunzjonijiet [39]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi elementi biżżejjed li juru tali nuqqas. Meta dan ikun sar, huwa l-Istat Membru li għandu jikkontesta b'mod sostanzjali u ddettaljat l-informazzjoni ppreżentata u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnha [40].

71. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma ssodisfatx l-oneru tal-prova tagħha. Għal din ir-raġuni, it-tieni lment tagħha ma jistax jintlaqa'.

ii) Sussidjarjament: ġustifikazzjonijiet possibbli

72. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiskarta l-analiżi tiegħi u tikkunsidra li teżisti restrizzjoni, tqum imbagħad, fit-tieni lok, il-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni tagħha, li għandha tiġi ttrattata fil-qosor iktar 'il quddiem, b'mod sussidjarju.

73. Il-possibbiltà ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' servizzi ta' kura *in natura*, li fir-rigward tagħhom is-SGB XI jipprovdi biss għall-ħlas tal-allowance għal kura meta dawn is-servizzi jiġu pprovduti f'pajjiż barrani, tista' tkun iġġustifikata mill-ħtieġa tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika [41], jew mill-protezzjoni tas-saħħa tal-poplu, li tinsab fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikaw ir-restrizzjonijiet għal-libertajiet fundamentali [42].

74. Jiena diġà rrimarkajt li l-Istati Membri kollha għandhom marġni ta' diskrezzjoni sabiex jorganizzaw is-sistema tas-saħħa tagħhom; għandu jiġi eżaminat issa kif inhi s-sistema tal-assigurazzjoni għal dipendenza Ġermaniża fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-persuni assigurati tagħha. Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni tal-leġiżlatur, li jittratta b'mod differenti s-servizzi ta' kura skont jekk huma jkunux ġew ipprovduti minn fornituri affiljati mal-fond tal-assigurazzjoni jew le, tosservax il-prinċipju tal-proporzjonalità.

38 — Ara s-sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37).

39 — Sentenzi tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-246/08, Ġabra p. I-10605, punt 52); tas-6 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (C-438/07, Ġabra p. I-9517, punt 49), u tas-6 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-401/06, Ġabra p. I-10609, punt 27).

40 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-22 ta' Settembru 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (272/86, Ġabra p. 4875, punt 21).

41 — Ara, f'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet konġunti tal-Artikolu 62 TFUE u tal-Artikolu 52 TFUE, kif ukoll is-sentenza Kohll (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 — Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza Apothekerkammer des Saarlandes *et.* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30, punti 25 sa 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

– Il-kunċett territorjali sabiex jiġu ggarantiti l-istandards ta' kwalità għoljin tal-fond tal-assigurazzjoni

75. Skont l-indikazzjonijiet mogħtija mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja [43], fil-preżent, il-persuna assigurata ma tistax, f'pajjiż barrani, tirċievi servizzi minn fornituri ta' kura li kkonkludew kuntratt għall-provvista ta' kura fid-dar mal-fond tal-assigurazzjoni għal dipendenza u li jistgħu jipprovdu servizzi ta' kura *in natura*, peress li dik il-persuna hija eskluża milli tirċievi, f'pajjiż barrani, servizzi ta' kura *in natura* mill-fond tal-assigurazzjoni [44].

76. Din l-organizzazzjoni tas-sistema Ġermaniża għandha tiġi aċċettata peress li, skont l-Artikolu 168(7) TFUE, l-Istati Membri kollha huma liberi li jiżguraw, taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, l-organizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa tagħhom. Fil-prinċipju, huwa l-Istat Membru li għandu jiddeċiedi jekk, u sa fejn, huwa għandu jagħti xi drittijiet. Skont id-dritt tal-Unjoni, Stat Membru ma huwiex obbligat li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuni assigurati tiegħu, sistema ta' benefiċċji *in natura* li tkun awtonoma fl-Istati Membri kollha: il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat espressament fis-sentenza tagħha von Chamier-Glisczinski [45] li s-sistemi ta' sigurtà soċjali tal-Unjoni Ewropea ma humiex armonizzati iżda biss ikkoordinati u li, b'mod partikolari, it-trasferiment fi Stat Membru ieħor ma huwiex bilfors "newtrali" u jista' jkun, ftit jew wisq, vantaġġjuż jew żvantaġġjuż għall-persuna assigurata.

– In-natura proporzjonata ta' dan il-kunċett fid-dawl tal-possibbiltà ta' għażla bejn allowance għal kura u l-użu ta' benefiċċji *in natura*

77. Il-prinċipju territorjali li bbaża ruħu fuqu l-leġiżlatur Ġermaniż għall-benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni għal dipendenza jista' jiġi spjegat, b'mod partikolari, bil-fatt li l-livell għoli ta' kwalità tas-servizzi tal-kura, li jeħtieġ kontroll kontinwu, ma jistax raġonevolment jintlaħaq fl-Unjoni Ewropea kollha minħabba l-kumplessità tal-proċeduri ta' kontroll u n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-benefiċċji ta' kura [46].

78. Madankollu, peress li s-sensiela ta' benefiċċji tal-assigurazzjoni għal dipendenza tipprevedi, minn naħa, benefiċċji *in natura* li, fil-prinċipju, ma jistgħux jiġu esportati f'pajjiż barrani, u min-naħa l-oħra, allowance għal kura, li l-persuna assigurata tista', fil-prinċipju, tibbenefika minnha fil-Ġermanja u f'pajjiż barrani, id-dispożizzjoni tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza tidher li hija xierqa u neċessarja sabiex jinżamm il-livell għoli ta' kwalità mixtieq fil-Ġermanja u ma tiżvantaġġjax b'mod sproporzjonat lill-persuni assigurati li, għal raġunijiet differenti, jorganizzaw huma stess il-kura li ma tkunx tagħmel parti mis-sistema tal-assigurazzjoni għal dipendenza, b'żieda mal-allowance għal kura.

79. Ir-rifjut li l-benefiċċji *in natura* jingħataw fi Stat Membru ieħor huwa inerenti għas-sistema u ma jwassalx għal żvantaġġ sproporzjonat fil-każ ta' residenza fi Stat Membru ieħor.

80. Fil-fatt, anki fil-Ġermanja, il-persuna assigurata ma għandhiex dritt għal "rimbors tal-ispejjeż sal-ammont tas-servizzi ta' kura *in natura* mogħtija fil-Ġermanja" meta hija tagħżel fornitur li ma huwiex affiljat mal-fond tal-assigurazzjoni, li tkun għażlet hija stess. Jekk hija toħroġ mil-limiti tas-sistema ta' benefiċċji *in natura*, li l-assigurazzjoni għal dipendenza tqegħdilha għad-dispożizzjoni tagħha fil-Ġermanja biss, dan hija tagħmlu, fil-Ġermanja kif ukoll f'pajjiż barrani, b'riskju tagħha u jibqagħlha biss l-allowance ta' assistenza sabiex tkopri l-bżonnijiet ta' kura tagħha. Konsegwentement, finalment hija d-deċiżjoni tal-persuna dipendenti fuq il-kura li hija deċiżiva sabiex, għall-kura fid-dar, hija tagħżel jew is-sistema tal-assigurazzjoni għal dipendenza, li hija organizzata b'mod strett u

43 — Skont il-punt 45 tar-risposta.

44 — Ħlief fil-każ, li huwa ċertament rari ħafna, tal-akkumpanjament minn persunal tal-kura [ara l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI].

45 — Punti 84 u 85.

46 — Ara, f'dan ir-rigward, il-paġni 15 sa 17 tar-risposta tal-Ġermanja.

suġġetta għal standards ta' kwalità u kontrolli stretti [47], jew torganizza fil-parti l-kbira [48] hija stess il-kura tagħha barra minn din is-sistema billi tuża l-allowance għal kura li tkun ingħatatilha. Jekk hija tagħżel din l-aħħar soluzzjoni, hija għandha toqgħod bl-allowance għal kura (li l-ammont huwa iktar baxx), kemm fil-Ġermanja kif ukoll f'pajjiż barrani.

81. L-istruttura dualistika tas-sistema ta' benefiċċji tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza, li tipprevedi, min-naħa waħda, benefiċċji *in natura* tas-sistema u, min-naħa l-oħra, allowance għal kura fil-forma ta' somma f'daqqa, lanqas ma għandha tiġi kkritikata fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

82. F'dawn iċ-ċirkustanzi, wieħed ma jistax jiddeduċi mis-sentenza Vanbraekel *et.*, iċċitata iktar 'il fuq, li jeżisti obbligu skont id-dritt tal-Unjoni, li waqt perijodi ta' residenza temporanja f'pajjiż barrani, il-forniturі barranin jitħallsu skont ir-rati tas-servizzi *in natura* tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza. Ċertament, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-"fatt li persuna assigurata jkollha livell ta' assigurazzjoni inqas vantaġġuż meta hija tirċievi kura fi sptar fi Stat Membru ieħor milli meta hija tirċievi *l-istess kura* fl-Istat Membru fejn hija assigurata" [49] jikkostitwixxi ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi osservat li s-sentenza Vanbraekel *et.* titlaq mill-premessa ta' "kura identika", jiġifieri servizzi identiċi fiż-żewġ Stati. Wieħed ma jistax jikkunsidra li bilfors japplika l-istess anki fir-rigward tas-sistema ta' benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza meta mqabbla mas-servizzi ta' fornituri indipendenti li ma humiex integrati f'dik is-sistema, peress li dawn tal-aħħar ma humiex suġġetti għall-istandards stretti ta' kwalità u ta' kontroll li jikkaratterizzaw l-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza, li l-Gvern Ġermaniż kklassifikaha, mingħajr kontestazzjoni, bħala "sistema unika fl-Ewropa" [50].

83. Fid-dawl tal-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza von Chamier-Glisczinski, il-fatt li d-dritt Ġermaniż ma jipprovdix għall-esportazzjoni tal-benefiċċji *in natura* ma huwiex problema lanqas mill-aspett tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jiġi aċċettat li tali esportazzjoni tal-benefiċċji tiġi rrifjutata lil persuni li għandhom livell kbir ta' dipendenza fuq kura li joqogħdu f'pajjiż barrani iżda li, minħabba l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi, l-istess esportazzjoni għandha tkun permessa f'każ ta' perijodi ta' residenza temporanja. Konsegwentement, jekk ċittadin tal-Unjoni jiddeċiedi li joqgħod temporanjament jew għal ċertu żmien fi Stat Membru ieħor, huwa għandu jaċċetta kemm il-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi li dan jinvolvi, kif jirriżultaw mill-effett konġunt tas-sistemi ta' sigurtà soċjali, li huma kkoordinati iżda mhux armonizzati.

84. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-leġiżlazzjoni Ġermaniża, li tikkontempla livell għoli ta' kwalità tas-servizzi ta' kura, li huma kkontrollati kontinwament u huma pprovduti minn persunal partikolarment ikkwalifikat, hija dejjem iġġustifikata minn raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Hija xierqa wkoll sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi pprovduta kura ta' kwalità għolja lil persuni dipendenti fuq kura billi tirriżerva l-ogħla ammonti ta' benefiċċji lill-forniturі li jkunu marbutin kompletament mal-programm ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-fond tal-assigurazzjoni. Bl-istess mod, id-dispożizzjoni ma tistax tiġi kkritikata mil-lat tan-neċessità tagħha, u dan iktar u iktar meta, fil-qasam tal-protezzjoni tas-saħħa, għandha tingħata marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni lil-leġiżlatur nazzjonali fir-rigward tal-livell ta' kwalità mixtieq. *Mutatis mutandis*, f'dan ir-rigward għandu jsir riferiment għas-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-141/07) u Apothekerkammer des Saarlandes *et.* iċċitati fin-noti ta' qiegħ il-paġna 29 u 30. Fl-aħħar nett, il-leġiżlazzjoni tidher li hija wkoll proporzjonata peress li toffri

47 — Għal iktar dettall, ara, pereżempju, il-komunikazzjoni tal-Gvern Ġermaniż tas-17 ta' Diċembru 2008, mehmuża fl-anness 4 (p. 3 sa 7). L-istandards ta' kwalità għall-istituzzjonijiet ta' kura li jistgħu jikkonkludu kuntratt għall-provvista ta' kura jirriżultaw mill-Artikoli 71 u 72 tas-SGB XI.

48 — Madankollu, il-benefiċjarji tal-allowance għal kura huma suġġetti għal konsultazzjoni u għal kontroll tal-kwalità regolari minn istituzzjoni ta' kura approvata.

49 — Sentenza Vanbraekel *et.*, iċċitata iktar 'il fuq (punt 45). Enfasi miżjud.

50 — In-nota 40 tal-komunikazzjoni tal-Gvern Ġermaniż tas-17 ta' Diċembru 2008, p. 3.

lill-persuni dipendenti fuq il-kura, li jkunu jistgħu jirrikorru liberament għal kura barra mis-sistema ta' benefiċċji *in natura* u jirrikorru, għal dan il-għan, għall-allowance ta' assistenza, iktar flessibbiltà minn sistema ta' benefiċċji *in natura* obbligatorja tal-fond tal-assigurazzjoni għar-riskju ta' dipendenza fuq kura.

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ma teżisti ebda restrizzjoni u għaldaqstant, lanqas ksur tal-Artikolu 56 TFUE, u t-tieni lment tal-Kummissjoni ma għandux jintlaqa'.

86. Għandu issa jiġi kkunsidrat it-tielet ilment.

b) Il-kiri ta' apparat mediku waqt perijodu ta' residenza temporanja f'pajjiż barrani fid-dawl tal-Artikolu 56 TFUE

87. Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat jekk il-fatt li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tagħtix rimbors tal-ispejjeż meħtieġa għall-kiri ta' apparat mediku waqt perijodu ta' residenza temporanja fi Stat Membru ieħor, jew teskludi tali rimbors taħt l-Artikolu 34(1)(1) tas-SGB XI, u dan minkejja li fil-Ġermanja dawn l-ispejjeż huma rrimborsati jew tali apparat jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-persuna li tirċievi l-kura u r-rimbors ma jirriżultax f'duplikazzjoni jew fi kwalunkwe żieda tas-servizzi mogħtija fil-Ġermanja, jikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fit-tieni lok, għandu jiġi analizzat jekk jistax ikun hemm ġustifikazzjoni.

i) L-eżistenza ta' restrizzjoni

88. It-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' apparat mediku għandu jitqies ukoll bħala benefiċċju *in natura* u għaldaqstant, għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-kriterji msemmija fir-rigward tas-servizzi ta' kura.

89. L-għażla fundamentali tal-leġiżlatur Ġermaniż fil-qasam tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza hija estremament ċara: fi Stat Membru ieħor, din l-assigurazzjoni għandha tipproduċi l-effetti tagħha permezz tal-allowance għal kura; fil-Ġermanja, għandha tkun possibbli l-għażla bejn l-allowance għal kura u l-benefiċċji *in natura*, li jkunu suġġetti, inkluż għall-apparat mediku, għal kontroll ta' kwalità strett[51], li tagħti karatteristika partikolari lil dawn il-benefiċċji *in natura* mogħtija fil-Ġermanja. Għal dak li jikkonċerna l-apparat mediku, dan il-prinċipju japplika wkoll, mingħajr ebda differenza, għall-benefiċjarji Ġermaniżi u barranin. Barra minn hekk, kif esponejt iktar 'il fuq, fl-Istati Membri l-oħra, il-persuni assigurati jistgħu jirrikorru, skont ir-Regolament Nru 1408/71 jew ir-Regolament Nru 883/2004, għall-benefiċċji *in natura*, f'isem l-istituzzjoni kompetenti, sa fejn dawn huma previsti mid-dritt tal-Istat ta' residenza.

90. Konsegwentement, għandu jiġi mistoqsi, eżattament bħal fil-każ tas-servizzi ta' kura, jekk fil-fatt hemmx restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward tal-kiri ta' apparat mediku fi Stat Membru ieħor: huwa impossibbli li tingħata risposta ġenerali għall-punt dwar jekk, fi Stat Membru ieħor, il-persuna dipendenti fuq kura, li tibbenefika mill-allowance għal kura, hijiex f'sitwazzjoni iktar jew inqas favorevoli meta mqabbla mas-sitwazzjoni fil-Ġermanja fir-rigward tal-kiri ta' apparat mediku; dan jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni. L-istess japplika għall-kwistjoni tal-eżistenza ta' restrizzjoni u, f'dan ir-rigward ukoll, il-Kummissjoni għandha tiġi kkritikata minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni fl-argument tagħha, li ma jinvolvix evalwazzjoni ddettaljata tas-sitwazzjonijiet kollha possibbli.

51 — L-Artikolu 40(1) tas-SGB XI jipprevedi proċedura formali li tinvolvi lill-fond tal-assigurazzjoni għal dipendenza.

91. Għandu jitqies li hemm restrizzjoni jekk l-Artikolu 40 tas-SGB XI jeskludi kompletament lill-fornituri ta' apparat mediku barranin u, pereżempju, jippermetti biss li jintużaw prodotti offruti minn fornituri Ġermaniżi. Madankollu, dan la ntqal mill-Kummissjoni u lanqas ma huwa s-suġġett ta' dan ir-rikors u ma hemm xejn fl-Artikolu 40 tas-SGB XI li jindika dan.

92. Konsegwentement, peress li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-oneru tal-prova li hija għandha, it-tielet ilment għandu jiġi miċħud proprju minħabba din ir-raġuni.

ii) Sussidjarjament: il-ġustifikazzjonijiet possibbli

93. Jekk il-Qorti tiddistakka ruħha mill-analiżi tiegħi u tikkunsidra li hemm restrizzjoni, tqum allura, fit-tieni lok, il-kwistjoni tal-ġustifikazzjoni, li għandha tiġi kkunsidrata fil-qosor, b'mod sussidjarju.

94. Fir-rigward tal-apparat mediku, għandu jsir riferiment għas-sentenza von Chamier-Glisczinski, li rrifjutat id-dritt għall-esportazzjoni tal-benefiċċji *in natura* tal-assigurazzjoni soċjali għal dipendenza, billi invokat in-nuqqas ta' armonizzazzjoni tad-dritt dwar l-assigurazzjoni soċjali, u għandu jiġi osservat li d-dispożizzjoni Ġermaniża dwar l-apparat mediku, jekk wieħed jassumi li għandha titqies bħala restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, hija ġġustifikata minħabba l-kunsiderazzjonijiet preċedenti.

95. Konsegwentement, peress li ma hemmx ksur tal-Artikolu 56 TFUE, it-tielet ilment ma huwiex iġġustifikat.

E – *Sunt u responsabbiltà għall-ispejjeż*

96. Peress li l-ebda wieħed mill-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni ma huwa fondat, ir-rikors għandu jiġi miċħud.

97. Madankollu, ma jidhirx li huwa raġonevoli li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż kollha, kif intalab mill-Ġermanja. Fil-fatt, kieku l-Kummissjoni ma rtiratx l-ewwel ilment tagħha, dan l-ilment kien jintlaqa' peress li fid-data rilevanti, jiġifieri d-data tal-opinjoni motivata, l-Artikolu 34 tas-SGB XI dwar l-allowance għal kura kien għadu ma kienx konformi mas-sentenza Molenaar, iċċitata iktar 'il fuq, u kien ikollu jiġi deċiż li hemm ksur tal-Artikolu 56 TFUE minħabba li l-allowance għal kura ma kinitx tkun possibbli f'każ ta' residenza fi Stat Membru ieħor.

98. Din hija r-raġuni għaliex jidher li huwa raġonevoli, skont l-Artikolu 69(5) tar-Regoli tal-Proċedura, li żewġ terzi tal-ispejjeż jiġu sostnuti mill-Kummissjoni u terz tal-ispejjeż mill-Ġermanja.

VII – Konklużjoni

99. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) tiċħad ir-rikors;

2) tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea ssostni żewġ terzi tal-ispejjeż tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kif ukoll żewġ terzi tal-ispejjeż tagħha stess, u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni terz tal-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll terz tal-ispejjeż tagħha stess.